



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' April 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0092(COD)

7808/22
ADD 1

CONSOM 78
MI 246
COMPET 203
ENER 118
ENV 313
SUSTDEV 75
DIGIT 73
CODEC 421
IA 36

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 143 final
Suġġett:	ANNESS tal-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2005/29/KE u 2011/83/UE rigward l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' protezzjoni mtejbja kontra prattiki żleali u permezz ta' informazzjoni aħjar

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 143 final.

Mehmuż: COM(2022) 143 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.3.2022
COM(2022) 143 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

li temenda d-Direttivi 2005/29/KE u 2011/83/UE rigward l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' protezzjoni mtejbja kontra prattiki żleali u permezz ta' informazzjoni aħjar

{SEC(2022) 166 final} - {SWD(2022) 85 final} - {SWD(2022) 86 final}

ANNESS

L-Anness I tad-Direttiva 2005/29/KE huwa emendat kif ġej:

(1) jiddaħħal il-punt 2a li ġej:

“2a. Il-wiri ta’ tikketta ta’ sostenibbiltà li mhijiex ibbażata fuq skema ta’ ċertifikazzjoni jew li mhijiex stabbilita mill-awtoritajiet pubbliċi.”;

(2) jiddaħħlu l-punti 4 a u 4b li ġejjin:

“4a. Tagħmel asserzjoni ambjentali ġenerika li għaliha l-kummerċjant ma jkunx jista’ juri prestazzjoni ambjentali eċċellenti rikonoxxuta li tkun rilevanti għall-asserzjoni.

4b. Tagħmel asserzjoni ambjentali dwar il-prodott kollu meta effettivament tikkonċerna biss ċertu aspekt tal-prodott.”;

(3) jiddaħħal il-punt 10a li ġej:

“10a. Il-preżentazzjoni tar-rekwiżiti imposti bil-liġi fuq il-prodotti kollha fil-kategorija ta’ prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni bħala karatteristika distintiva tal-offerta tal-kummerċjant.”;

(4) jiddaħħlu l-punti minn 23d sa 23i li ġejjin:

“23d. Il-fatt li l-konsumatur ma jiġix informat li aġġornament tas-software se jkollu impatt negattiv fuq l-użu ta’ oġġetti b’elementi diġitali jew ċerti karatteristiċi ta’ dawn l-oġġetti anki jekk l-aġġornament tas-software itejjeb il-funzjonament ta’ karatteristiċi oħra.

23e. Il-fatt li l-konsumatur ma jiġix informat dwar l-eżistenza ta’ karatteristika ta’ oġġett introdott biex jillimita d-durabbiltà tiegħu.

23f. L-affermazzjoni li oġġett għandu ċerta durabbiltà f’termini ta’ żmien għall-użu jew intensità meta ma jagħmilx dan.

23g. Il-preżentazzjoni ta’ oġġetti bħala li jippermettu t-tiswija meta ma jkunux jagħmlu dan jew li l-konsumatur ma jiġix informat li l-oġġetti ma jippermettux tiswija f’konformità mar-rekwiżiti legali.

23h. Il-fatt li l-konsumatur jiġi mħajjar jissostitwixxi l-konsumabbli ta’ oġġett aktar kmieni milli meħtieġ għal raġunijiet tekniċi.

23i. Il-fatt li l-konsumatur ma jiġix informat li oġġett huwa ddisinjat li jillimita l-funzjonalità tiegħu meta juża oġġetti konsumabbli, spare parts jew aċċessorji li ma jkunux ipprovduti mill-produttur oriġinali.”;